Kien lura fl-1996 li l-komunità tagħna, l-Families for Christ, rat l-ewwel laqgħa tagħha. Il-komunità hi ispirata minn spiritwalità kariżmatika u biblika. Matul is-snin intbaħna li jkun aħjar għal ħajjitna u jagħmel iktar sens meta nimxu flimkien ma' oħrajn fil-kors tal-ħajja. Hi l-esperjenza ma' Alla l-Missier permezz ta' Ibnu, l-Mulej Ġesù, li tagħti sens sħiħ u kollu ferħ liż-żwieġ u lill-ħajja tal-familja.

Aħna nemmnu li Alla għandu pan għal kull żwieġ u jimxi ma' dawk li jafdawh ujfittxuh. Hu jgħinna fid-diffikultajiet u  l-isfidi matul il-ħajja miżżewġa tagħna. M'għandniex għalfejn nimxu waħedna fit-triq tal-ħajja u għalhekk aħna nilqgħu bil- ferħ lil kulmin jixtieq jimxi magħna dal-vjaġġ.

Din hi stedina għalikom biex tiġu taqsmu magħna din l-esperjenza. Ix-xewqa ħerqana tagħna hi nuru x'għamel Kristu Ġesù f'ħajjitna u li noffru din l-esperjenza lill-oħrajn. Nixtiequ b'ħeġġa kbira li nagħtuh l-ewwel post, il-post ċentrali kemm fil-ħajja individwali tagħna u kemm fil-familji tagħna u li nħallu lill-Ispirtu s-Santu jispirana u jmexxina.

**Ejja żurna u nagħqad magħna f'waħda mil-laqgħat tagħna. Uża l-faċilitajiet u s-servizzi tagħna għall-benefiċċju tal-familja tiegħek u tal-komunità.**

## L-ATTIVITAJIET TAGĦNA

### LAQGĦAT GĦAL KULĦADD
Darba fix-xahar, ikollna laqgħa l-Ġimgħa miftuħa għal kulħadd (miżżewweġ jew le). Għalkemm aħna grupp iddedikat għall-ħajja tal-familja, żgħażagħ u singles jistgħu jattendu u jieħdu sehem.

### MIXJA TAD-DIXXIPULAT
Dawn il-laqgħat jieħdu suriet differenti: Studju u talb bil-Bibbja, ħin ta' qima, talb ta' interċessjoni, sharing u testimonjanza, dixxerniment, nattivaw il-kariżmi tal-Ispirtu u iktar. L-idea bażika hi li nitgħallmu minn Ġesù, pass pass. Id-dixxipulat jikber fil-gruppi żgħar. Dan hu l-iskop tal-gruppi Żerriegħa tal-Mustarda li jfittxu l-maturità nisranija tal-parteċipanti b'tagħlim bibliku, sharing u fellowship.

### CHILDREN MINISTRY
Għax it-tfal huma importanti għal Alla, huma importanti għalina wkoll bħala komunità Families for Christ. Li nrabbu tfal skont il-qalb ta' Alla hu valur essenzjali fil-ħajja komunitarja tagħna. L-għan tagħna hu li nagħtu appoġġ lill-ġenituri biex irabbu 'l uliedhom bħala werrieta tas-Saltna ta' Alla ma' Ġesù.

### OUTREACH
Aħna nxandru l-Evanġelju b'diversi modi biex nilħqu nies li jinsabu fil-periferija tal-Knisja u tas-soċjetà speċjalment lill-koppji żgħażagħ.

### PRAYER ROOMS
Fil-komunità tagħna, Families for Christ, aħna nemmnu li Ġesù hu ħaj u għadu jfejjaq u jeħles illum. Għandna aħwa fostna dedikati u l-missjoni tagħhom hi li jilqgħu u jitolbu ma' min ifittex l-għajnuna tat-talb tagħhom. Min jixtieq jista' jikkuntattjana għal appuntament.

### LISTENING CENTRE
Noħolqu spazju għall-koppji li jixtiequ li xi ħadd jismagħhom u jagħtihom widen. Ma nagħtux pariri imma nistgħu noffru appoġġ biex tinstab triq 'il quddiem. Għal iktar informazzjoni jew appunta-ment, ikkuntattjawna.

### COURSES
Korsijiet għall-koppji li qed ifittxu li jsaħħu r-relazzjoni tagħhom, biex jinvestu fir relazzjoni tagħhom u korsijiet oħrajn li jolqtu sfidi speċifiċi. Dawn il-korsijiet jippruvaw jagħtu għodda prattika biex jgħinu lill-individwu jew lill-koppja jibnu relazzjoni li ddum għal ħajjithom. Dawn kollha jużaw ix-xjenzi umani mibnija fuq prinċipji Nsara. Huma ddisinjati għall-koppji kollha.

# 3PHASE

Għal dawn l-aħħar 25 sena, il-grupp Families for Christ kien qed jiltaqa' regolarment biex ikun ta' sapport għall-familji tul il-ħajja tagħhom miżżewġa flimkien ma' wliedhom. F'dawn l-aħħar snin, ħassejna l-bżonn li jkollna ċentru għalina li jkun ċentru ta' akkoljenza, ta' smigħ, ta' fejqan; ċentru fejn il-familja tista' tiltaqa', tistrieħ, taqsam l-esperjenzi u tattendi sessjonijiet marbutin ma' dan kollu.

Bil-providenza ta' Alla u bil-għajnuna tas-Sorijiet tal-Bon Pastur ta' Ħal Balzan, Families for Christ issa għandhom dan iċ-Ċentru. Bil-fondi li nġabru matul is-snin mill-Families for Christ, inbdew numru ta' xogħolijiet ta' renovazzjoni f'din il-propjetà mitluqa għal deċenni u issa l-ewwel u t-tieni fażi tlestew. It-tieni fażi tinkludicounselling rooms, listening centre, prayers rooms u meeting rooms. Barra dawn, is-sala prinċipali u żona ta' rekreazzjaoni ġew irranġati u mgħammra b'kulma humeħtieġ.








It-tielet fażi tinkorpora iċ-Ċentru tal-Irtiri li jikkonsisti fi 15-il kamra tas-sodda, prayer room u żona ta' mistrieħ spazjuża. Dal-post jikkomplementa l-bqija tal-binja u jgħin biex joħloq atmosfera ħolistika tal-viżjoni li aħna nemmnu fiha; ċentru ta' rtiri li jista'jagħti lill-koppja esperjenza sħiħa ta' rtir spiritwali.

Riżultat ta' dan, aħna nixtiequ nitolbu għall-kontribuzzjoni tiegħek biex nilħqu dan l-iskop permezz ta' crowdfunding. Kamra tiswa madwar €8,000 u aħna nemmnu li nistgħu nikkontribwixxu biex nilħqu dan l-iskop lejn it-tlestija taċ-Ċentru.

**Modi differenti ta' kif tista' tagħti donazzjoni:**

**Bank transfer:**
(Tista tuża dawn il-kontijiet anke jekk il-bank tiegħek huwa BNF, HSBC, Lombard, Revolut jew MeDirect)
**Account Holder:**
Families for Christ Community A/C VOPS2018
**Account No:** 40025225655
**IBAN:** MT96VALL22013000000040025225655
**Swift Code:** VALLMTMT

**Donazzjoni b'sms**

| | | |
|---|---|---|
| 50617588 | – | €2.33 |
| 50618948 | – | €6.99 |
| 50619256 | – | €11.65 |

**Ibgħat ċekk pagabbli**
Families for Christ Community
fl-indirizz - 28 Triq Idmejda, Balzan BZN1526, Malta

*Nota: Bid Direttiva Nru 19 tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill1 ta' Jannar 2022, ilbanek lokali kollha mhumiex isarrfuaktar ċekkijiet li jammontaw għal €20 jew anqas.*

**Families for Christ Community**
**28, Triq Idmejda Balzan BZN1526, Malta**
**e-mail: info@familiesforchrist.mt**
**Web: www.familiesforchrist.mt**

**FIND US ON** YouTube

